DIRETTIVI

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2013/63/UE

tas-17 ta' Diċembru 2013

li temenda l-Annessi I u II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE fir-rigward ta' kundizzjonijiet minimi li jridu jiġu sodisfatti minn patata taż-żriegħ u lottijiet tal-patata taż-żriegħ

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa [taż-żriegħ] ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tagħha,

Billi:

(1) Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva 2002/56/KE ġew żviluppati metodi ġodda għat-tkabbir tal-patata, u sar progress fl-għodod djanjostiċi li jidentifikaw organiżmi ta' ħsara u fil-prattiki agronomiċi li jiġġieldu l-firxa ta' dawn l-organiżmi.

(2) Dawn l-iżviluppi tekniċi jippermettu l-produzzjoni ta' patata taż-żriegħ li tissodisfa rekwiżiti aktar stretti minn dawk stabbiliti fl-Annessi I u II tad- Direttiva 2002/56/KE. Fl-istess ħin sar disponibbli għarfien dwar l-aġenti tal-mard ġodda filwaqt li evolva l-għarfien dwar mard eżistenti li jindika li ċertu mard jeħtieġ miżuri aktar stretti.

(3) Kontra dan l-isfond, l-istandard tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) li jikkonċerna l-kummerċjalizzazzjoni u l-kontroll tal-kwalità kummerċjali tal-patata taż-żriegħ ġie adattat fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi ([2]).

(4) Filwaqt li jitqiesu dawk l-iżviluppi, ċerti kundizzjonijiet u tolleranzi minimi, kif stabbilit fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/56/KE, għandhom jiġu aġġornati u restrizzjonijiet dwar l-iskabbja sewda, l-iskabbja f'forma ta' trab u l-patata taż-żriegħ, li jkunu ġew deidratati u niexfa b'mod eċċessiv, għandhom jiddaħħlu fl-Anness II.

(5) Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva 2002/56/KE, ġie żviluppat għarfien xjentifiku dwar ir-rabta bejn in-numru ta' ġenerazzjonijiet u l-livell ta' preżenza ta' pesti ta' patata taż-żriegħ. Il-limitazzjoni tan-numru ta' ġenerazzjonijiet hija mezz neċessarju biex jiġi mmitigat ir-riskju fitosanitarju li jinħoloq minn pesti f'forma latenti. Din il-limitazzjoni hija meħtieġa għall-mitigazzjoni ta' dak ir-riskju, u mhemm disponibbli l-ebda miżura anqas stretta biex tissostitwixxiha. Il-limitu massimu ta' seba' ġenerazzjonijiet għall-patata taż-żriegħ pre-bażika u l-patata taż-żriegħ bażika jikkostitwixxi kompromess bejn il-ħtieġa li jiġi mmultiplikat għadd suffiċjenti ta' patata taż-żriegħ għall-produzzjoni ta' patata taż-żriegħ iċċertifikata, u l-protezzjoni tal-istatus tas-saħħa tagħhom.

(6) Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-organiżmu ta' ħsara *Synchytrium endobioticum (Schilb.) Perc.* għandhom jitneħħew mill-Anness I billi l-presenza tiegħu fuq il-patata taż-żriegħ hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 69/464/KEE ([3]). Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-organiżmu ta' ħsara *Corynebacterium sepedonicum* (Spieck. et Kotth.) Skapt. and Burkh., l-isem li ġie sostitwit minn *Clavibacter michiganensis* subsp. sepedonicus (Spieck. et Kotth.) Davis et al., għandhom jitneħħew mill-Annessi I u II billi l-presenza tiegħu fuq il-patata taż-żriegħ hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/85/KEE ([4]). Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-organiżmu ta' ħsara *Heterodera rostochiensis Woll.*, l-isem li ġie sostitwit minn *Globodera rostochiensis (Wollenweber) Behrens* għandhom jitneħħew mill-Anness II billi l-presenza tiegħu fuq il-patata taż-żriegħ hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2007/33/KE ([5]). Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-organiżmu ta' ħsara *Pseudomonas solanacearum (Smith) Smith*, l-isem li ġie sostitwit minn *Ralstonia solanacearum (Smith) Yabuuchi et al.*, għandhom jitneħħew mill-Anness

([1]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.

([2]) L-ISTANDARD tal-UNECE S-1 dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-kontroll tal-kwalità kummerċjali tal-patata taż-żriegħ, Edizzjoni 2011, New York.

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 69/464/KEE tat-8 ta' Diċembru 1969 dwar il-kontroll tal-marda tal-ġlata fil-patata (ĠU L 323, 24.12.1969, p. 1).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/85/KEE tal-4 ta' Ottubru 1993 dwar il-kontroll tat-tħassir forma ta' ċirku tal-patata (ĠU L 259, 18.10.1993, p. 1).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/33/KE tal-11 ta' Ġunju 2007 dwar il-kontroll ta' nematodi taċ-ċisti fil-patata u li tħassar id-Direttiva 69/465/KEE (ĠU L 156, 16.6.2007, p. 12).

II billi l-presenza tiegħu fuq il-patata taż-żriegħ hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/57/KE [1].

(7) L-Annessi I u II għad-Direttiva 2002/56/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għaż-Żrieragħ u għall-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikultura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2002/56/KE

L-Annessi I u II għad-Direttiva (KE) Nru 2002/56/KE huma emendati skont l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-1 ta' Jannar 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

Artikolu 3

Dhul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/57/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-kontroll tar-Ralstonia solanacearum (Smith) Yabuuchi et al. (ĠU L 235, 21.8.1998, p. 1).

ANNESS

L-Annessi I u II għad-Direttiva 2002/56/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punti 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Il-patata taż-żriegħ bażika għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) waqt l-ispezzjoni uffiċjali tal-pjanti li qegħdin jikbru n-numru affettwat minn blackleg ma jridx jaqbeż l-1,0 %;

(b) in-numru ta' pjanti li qegħdin jikbru li ma jitkabbrux b'mod leali għall-varjetà u n-numru ta' pjanti ta' varjetà differenti, kumplessivament m'għandhomx jaqbżu ż-0,1 % u fil-proġenija diretta, kumplessivament m'għandhomx jaqbżu ż-0,25 %;

(c) fil-proġenija diretta n-numru ta' pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni b'virus gravi ma jridx jaqbeż l-4,0 %;

(d) waqt l-ispezzjonijiet uffiċjali tal-pjanti li qegħdin jikbru, in-numru ta' pjanti li juru sintomi ta' mużajk u n-numru ta' pjanti li juru sintomi kkawżati minn virus tal-werqa kumplessivament m'għandhomx jaqbżu ż-0,8 %.

2. Il-patata taż-żriegħ iċċertifikata għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) waqt l-ispezzjoni uffiċjali tal-pjanti li qegħdin jikbru n-numru affettwat minn blackleg m'għandux jaqbeż l-4,0 %;

(b) in-numru ta' pjanti li ma jitrabbewx b'mod leali għall-varjetà u n-numru ta' pjanti ta' varjetà differenti, kumplessivament, m'għandhomx jaqbżu ż-0,5 % u fil-proġenija diretta, kumplessivament, m'għandhomx jaqbżu ż-0,5 %;

(c) fil-proġenija diretta n-numru ta' pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni b'virus gravi m'għandux jaqbeż l-10,0 %;

(d) waqt l-ispezzjonijiet uffiċjali tal-pjanti li qegħdin jikbru, in-numru ta' pjanti li juru sintomi ta' mużajk u n-numru ta' pjanti li juru sintomi kkawżati minn virus tal-werqa kumplessivament m'għandhomx jaqbżu s-6,0 %."

(b) Il-punt 3 huwa mħassar.

(c) Il-punt 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. It-tolleranzi permessi taħt il-punti 1(c) u (d), u l-punti 2(c) u (d) huma applikabbli biss meta l-mard tal-virus jkun ikkawżat minn virus li huma prevalenti fl-Ewropa."

(d) Il-punti 5 u 6 huma mħassra.

(e) Il-punt li ġej huwa miżjud:

"7. L-għadd massimu ta' ġenerazzjonijiet ta' patata bażika għandu jkun ta' erbgħa„ u l-ġenerazzjonijiet kkombinati ta' patata pre-bażika u patata bażika fl-għalqa għandhom ikunu sebgħa.

L-għadd massimu ta' ġenerazzjonijiet ta' patata taż-żriegħ iċċertifikata għandu jkun ta' tnejn.

Jekk il-ġenerazzjoni ma tkunx indikata fuq it-tikketta uffiċjali, il-patata kkonċernata għandha titqies li tappartjeni lill-ġenerazzjoni massima li hija permessa għal kull kategorija rispettiva."

(2) L-Anness II jinbidel b'li ġej:

"ANNESS II

KUNDIZZJONIJIET TA' KWALITÀ MINIMI GĦAL LOTTIJIET TA' PATATA TAŻ-ŻRIEGĦ

It-tolleranzi permessi għall-impuritajiet, it-tbajja u l-mard li ġejjin għal patata taż-żriegħ:

(1) il-presenza ta' ħamrija u materja barranija; 1,0 % skont il-massa għal patata taż-żriegħ bażika u 2,0 % skont il-massa għal patata taż-żriegħ iċċertifikata;

(2) it-taħsir niexef jew imxarrab, minbarra jekk ikun ikkawżat minn *Synchytrium endobioticum, Clavibacter michiganensis* subsp. *sepedonicus* jew *Ralstonia solanacearum*: 0,5 % skont il-massa, li minnhom 0,2 % skont il-massa ta' taħsir imxarrab;

(3) it-tbajja' esterni p.e. tuberi li jkunu tilfu l-għamla tagħhom jew danneġġjati; 3,0 % skont il-massa;

(4) l-iskabbja komuni li taffettwa t-tuberi fuq aktar minn terz tal-wiċċ tagħhom: 5,0 % skont il-massa;

(5) l-iskabbja sewda li taffettwa t-tuberi fuq aktar minn 10,0 % tal-wiċċ tagħhom: 5,0 % skont il-massa;

(6) l-iskabbja f'forma ta' trab li taffettwa t-tuberi fuq aktar minn 10,0 % tal-wiċċ tagħhom: 3,0 % skont il-massa;

(7) it-tuberi imkemxa minħabba deidratazzjoni eċċessiva jew id-deidrazzjoni kkawżata minn skabbja tal-fidda: 1,0 % skont il-massa.

It-tolleranza totali għall-partiti 2 sa 7: 6,0 % skont il-massa għal patata taż-żriegħ bażika, u 8,0 % skont il-massa għal patata taż-żriegħ iċċertifikata."